

# F'Għeluq is-60 sena mill-Inawgurazzjoni tal-Koppla tagħna.

*Minn John Micallef*

Nhar San Gejtanu, eżattament nhar il-Ħadd 7 ta' Awwissu 2016, jaħbat is-60 sena mill-inawgurazzjoni tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu fuq pjanta tal-Perit Andre' Vassallo. Qed nikteb fuq il-koppla għaliex ġie f'idejja l-Programm tal-Festa tal-Knisja ta' l-1956 !

Kif jidher, ir-ritratt tal-faċċata ta' dan il-programm huwa tal-knisja kompluta bil-koppla b'kollox. Ir-ritratt huwa tas-Sur Blackman li kien armat fi Strada Rjali quddiem il-knisja parrokklali. Iz-zijiet tiegħi kienu jgħidu li l-fotografi s-sinjuri Blackman u Cassar kienu lavranti (mhux flimkien) meta kienu żgħażagħ man-nannu tiegħi Emanuele Sciortino, li kien l-ewwel fotografu li kien hawn fil-Ħamrun, fil-bidu tas-snin tas-Seklu 20. Aktar kmieni, (qisu nikkalkula għall-1885), n-nannu tiegħi kien lavrant mas-Sur Ellis tal-Belt Valletta qabel ma żżewweġ u ġie joqgħod il-Ħamrun, fejn rama' għal rasu, l-ewwel quddiem il-pjazza, mbagħad fuq il-parapetti.

Qanqalni ferm l-artikolu tal-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez biex nikteb dwar dan is-suġġett. L-artikolu tiegħu kien semmieh - ***'Sa Fl-aħħar il-Koppla Lesta !'.*** Qed nalludi għall-artikolu li kien kiteb f'dan il-Programm tal-Knisja għall-Festa ta' San Gejtanu għas-Sena 1956.

Dun Nerik kien l-ewwel kappillan Ħamruniż u l-ħames wieħed li kellna fil-parroċċa. Qabel laħaq kappillan fil-Parroċċa ta' San Gejtanu fl-1934, kien kappillan tal-parroċċa Maria Bambina tan-Naxxar. Dun Nerik kien ġirien tagħna fuq il-parapetti 'l isfel mill-knisja, iżda jien ma niftakrux għax kelli xahar biss meta miet. Għalhekk xtaqt nislet f'sommarju l-artiklu tiegħu, peress li kif kien mistenni f'okkażjoni unika u speċjali bħal din, kiteb fit-tul.

Dun Nerik beda l-artiklu tiegħu billi qal li kienet ħolma peress li qatt u ħadd ma basar li se jaslu wara 45 sena sħaħ ta' ħsibijiet, laqgħat, u ta' kemm minuti nkitbu u nqraw u fuq kollox kemm ittieħdu deċiżjonijiet. Isemmi wkoll li kien hemm bruda u apatija minn xi nies oħra pessimisti li, jew għax qajla kienu jagħtu każ, jew inkella għax kienu jaqtgħu qalb dak li jkun li xi darba din il-koppla kienet se tittella.

**Jibda l-ħsieb dwar il-Koppla**

L-ewwel Kappillan, Dun Fortunato Valletta ħadem bis-sħiħ biex tinbena l-knisja. It-tieni kappillan, Dun Ġwakkin Grech ma tantx dam fil-kariga għax wara tlett xhur biss intbgħat fil-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu fl-1896. Fl-istess sena laħaq Dun Ġużepp Muscat bħala t-tielet kappillan.

Dun Ġużepp kien ħerqan ferm u ħabrek kemm felaħ biex jinbeda x-xogħol fuq il-koppla. Twaqqaf kumitat u beda jinġabar sold minn kull familja fil-ġimgħa !. Dun Ġużepp inkwieta mhux ftit meta din il-ħolma taret mar-riħ u l-bidu baqa' ma seħħx. Kien jgħid *'Jaħasra l-koppla, rrid nara min huwa dak il-kappillan li se jintriga biha !'*. Ommi dak iż-żmien kienet daqsxejn ta' tfajla u tiftakarhom jgħidu li kienu jiġbru sold għ al koppla. Warajh, fl-1929, laħaq Dun Gejtanu Mifsud bħala r-raba' kappillan. Minkejja li f'Malta dak iż-żmien kienet għaddejja minn kriżi f'dak li huma mpiegi u allura l-ekonomija ma tantx kienet sejra tajjeb, Dun Gejt reġa' beda bil-ġbir għall-koppla. Il-ġbir kien sejjer ġmielu, imma ġara xi ħaġa u reġa' waqaf kollox. Dun Gejt ma damx kappillan wisq għax miet fl-1933. Waqgħet kalma kbira u bruda fost il-poplu Ħamruniż u ma nstema' xejn aktar dwar dan il-proġett. Il-ħames kappillan tal-Parroċċa tagħna kien, appuntu, Dun Nerik Cordina Perez li ġie mill-Parroċċa Maria Bambina tan-Naxxar sewwa sew fid-19 ta' Awwissu 1934.

Dun Nerik kien jiddispjaċih jisma' lil xi barranin jgħidu li 'intom il-Ħamruniżi għandkom knisja bla koppla, qisha bla ras' !. Ma nistgħux nimmaġinaw xi spejjeż trid għal proġett bħal dan. Dun Nerik kien iħares lejn il-knisja fejn tgħammed, trabba, kiber, sar Saċerdot u issa Kappillan u kif kien qal hu stess, iżjed sforza l-ħidma tiegħu biex dan il-proġett isir. Kien jitlob lil San Gejtanu ħalli jagħtih il-kuraġġ u beda jseffaq wiċċu man-nies ħalli tibda l-ħidma. Jiġifieri, nikkalkolaw, bejn wieħed u ieħor, li missirijietna kienu ilhom jaħsbu għall-koppla sa mill-1908. Barra minn hekk, irridu nġibu quddiem għajnejna żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945 ), minn x'hiex għaddiet Malta. L-anqas kamra ma tażżarda ttella' dak iż-żmien, aħseb u ara koppla !. Jiġifieri matul it-Tieni Gwerra Dinjija żgur li tħalla kollox fil-ġenb, iżda kont nisma' lil ommi tgħid li baqa' jsir xi ġbir żgħir anke f'dan iż-żmien. Biżżejjed infakkru li ftit 'l bogħod minna, eżattament kien it-Tlieta 28 ta' April 1942 fis-7.00am, kienet intlaqtet biċċa sew mill-bombi l-knisja ta' San Publju tal-Furjana. Darba kont qrajt x'imkien, iżda ma jidhirlix li hu dokumentat fl-istorja, li dan seħħ għaliex mill-għoli t-Taljani ħasbuha l-Katidral ta' San Ġwann Battista tal-Belt Valletta. Huma riedu jeqirduh akkost ta' kollox, ħalli l-Maltin jitbaxxilhom il-kuraġġ u jaqtgħu qalbhom mid-difiża tal-pajjiż.

**<u>Il-Ħolma ssir Realta'</u>**

Għalhekk, ftit snin wara l-gwerra, l-pjanta tal-Perit Andre' Vassallo ġiet mogħtija lill-Arkitett, is-Sur Ġuże' D'Amato. Ġuże' D'Amato kien għadu kif mexxa xogħlijiet fuq il-Knejjes Parrokkjali ta' Kristu Re f'Raħal il-Ġdid, San Ġużepp tal-Kalkara, San Ġwann Battista fix-Xewkija Għawdex, u fuq il-knisja tal-patrijiet ta' San Franġisk tal-Ħamrun. Ġie akkwistat bennej ta' ħila kbira, ċertu Ġanni Baldacchino li kien għadu kif lesta l-ħidma tiegħu fuq il-knisja tal-Kalkara, u miegħu kellu erba' lavranti (naġġara u manwala) ta' min jorbot fuqhom.

Kien nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar 1953, meta ġie l-ewwel truck ġebel u nħatt fost l-eċċitament tal-poplu Ħamruniż.

Kien it-Tnejn ukoll meta tqegħdet l-ewwel ġebla tal-koppla, eżattament fit-13 ta' April 1953, u kif jirrakonta Dun Nerik, dak in-nhar ħa nifs qawwi u rringrazzja 'l Alla u lil San Gejtanu. Ix-xogħol baqa' sejjer ġmielu, biex fl-aħħar, l-Erbgħa l-20 ta' April 1955, il-koppla kienet lesta mix-xogħol kollu tal-ġebel. Tul dan iż-żmien, is-Sur Ġuże' D'Amato kien il-ħin kollu fuq il-ħaddiema sabiex jara li x-xogħol isir tajjeb. Wara kien imiss ix-xogħol fuq it-twieqi fejn ħadmu ferm Ċensu Apap flimkien ma' wliedu u Emanuele Fenech.

Kif kien lest ix-xogħol ta' l-injam, xi nies urew ix-xewqa li l-koppla tkun imżejna b'erba Dutturi tal-Knisja. Għalhekk, mill-ewwel tqabbad il-Professur u artist Giovanni Spiteri Sacco li kien joqgħod il-Ħamrun u li kien magħruf għal ħila kbira li kellu ta' l-iskultura fl-irħam kif ukoll fejn jidħol ix-xogħol fl-istukko. L-erba' Dutturi li ħadem huma Santu Wistin, San Girgor, San Ġilormu u San Bernard fil-lunetti tal-koppla. L-opra li għamel is-Sur Spiteri Sacco titfaħħar minn kulħadd. Kif jgħid Dun Nerik, is-Sur Spiteri Sacco ma tħallasx ta' wieħed mill-figuri, u ġentilment rregalah lill-knisja tagħna.
Jekk forsi wieħed qatt ma ta każ jew inkella ma fehemx l-arma li hemm fil-bażi tal-koppla minn ġewwa, tajjeb li niddeskrivuha ftit ftit. Fil-fatt, kif tħares 'l fuq lejn il-koppla minn ġewwa, minn quddiem l-Altar Maġġur, tilmaħ żewġ armi miġburin f'arma waħda - l-arma ta' San Gejtanu u tal-Ħamrun bi skultura tassew sabiħa.

**L-Arma ta' San Gejtanu -** Il-Kuruna tissimbolizza n-Nobbilta' ta' San Gejtanu. Il-Ġilju jissimbolizza l-Purita' tal-Qaddis. Il-Ktieb juri l-Għerf tal-Qaddis li kien saċerdot u avukat, bħala difensur tal-Knisja Kattolika. Fost kitbiet oħra, San Gejtanu kien jikteb ukoll kontra l-ereżijiet li bdew joħolqu Martinu Luteru, Ochino u oħrajn fuq il-Knisja u r-Reliġjon Kattolika Rumana. Is-Salib juri t-Tbatijiet li ġarrab San Gejtanu għal Kristu meta għex fil-faqar minkejja li kien Nobbli, u meta ġie msawwat u marbut f'Ruma u mitfuh il-ħabs bla ħniena fl-1527.

**L-Arma tal-Ħamrun –** Minn isfel din l-arma tidher bi strixxi ħomor u suwed, iżda qaluli li l-iswed huwa biss dell. L-arma tal-Ħamrun hija tarka ħamra kollha fuq sfond abjad, għax jekk hemm strixxi suwed, dawk huma l-kuluri li jilgħab bihom it-team tal-*Hamrun Spartans*. Fuq faxxa minn naħa għall-oħra naraw il-kliem ***Propera Augesco***, il-motto tal-Ħamrun li tfisser ***Dlonk Nikber***. Dan għaliex, kif diġa' kelli okkażjoni ngħid u kif naqraw, il-Ħamrun imtela fi ftit snin bil-bini minħabba x-xogħol bl-abbundanza li kien hemm fil-port. Għalhekk ħafna nies (mingħajr trasport ta' xejn), li kienu jaqilgħu l-għixien tagħħom mill-port, ġew joqgħodu hawnhekk minn pajjiżi oħra ħalli jkunu qrib il-post tax-xogħol tagħhom.

Biex ma noħorġux mis-suġġett, ikompli jirrakonta Dun Nerik li kien hemm min ta donazzjonijiet kbar ta' £100, £50 u £30 f'daqqa, li kienu donazzjonijiet ta' somom sostanzjali ħafna ta' flus għal dak iż-żmien. Kien hemm min silef lill-knisja ħafna fallakki, ħadid u għodod u b'hekk ġew iffrankati ħafna flus ukoll. Kienu ħafna persuni li taw £5 għal truck ġebel. Irridu nġibu quddiem għajnejna li dak iż-żmien, lira kellha valur għoli ħafna. Dun Nerik kien irringrazzja lil dawn in-nies kollha, kif ukoll dawk il-ħafna kolletturi li ġabru flus mit-triqat bieb bieb, u lil dawk li kienu jorganizzaw lotteriji b'risq il-knisja. Id-Ditta tas-Sur Joseph Vella u wliedu ħadet ħsieb id-dawl elettriku tal-koppla minn barra u minn ġewwa. Id-Ditta ta' Salvatore Guillaumier kienet għenet ħafna wkoll billi silfet lill-knisja xi armar tal-ħadid għall-anterna tal-koppla, u ordnat il-ħġieġ tat-twieqi tal-koppla.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn
**Cauchi Joseph Ironmongery**
9, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Ħamrun
Tel: 21222737

Barra minn dan, bagħtet lill-ħaddiema tagħha jwaħħlu l-ħġieġ bla ħlas. Fl-aħħar u mhux b'inqas, il-kappillan irringrazzja lill-kumitat *Pro Cupola* li kien twaqqaf apposta, kif ukoll lil ħutu s-saċerdoti, fosthom San Ġorġ Preca, billi kienu ta' spalla għalih u għenuh bil-pariri u l-koperazzjoni tagħhom.

**Jum l-Inawgurazzjoni tal-Koppla**

**Il-Jum mistenni minn kulħadd fl-aħħar wasal !. Nhar San Gejtanu, eżattament it-Tlieta, 7 ta' Awwissu 1956. Wara diskorsi ta' l-okkażjoni mill-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez, u minn Dun Mattew Chircop, fis-6.00pm, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi bierek u inawgura l-koppla fost il-ferħ tal-poplu Ħamruniż, li ma kienx jonqos li ma jinġabarx bi ħġaru għal din l-okkażjoni unika. Tajjeb ngħidu li l-Boy Scouts tal-Ħamrun ħadu sehem ukoll, meta daqqew salut speċjali (naħseb xi fanfarra). Wara, nġab is-Sagrament mill-Oratorju, tkanta t-*Te-Deum*, segwit mill-Benedizzjoni. Kif kien xieraq, din l-okkażjoni għalqet bl-Innu tal-Qaddis tagħna San Gejtanu. Wara din il-funzjoni, l-Banda San Ġużepp esegwit kunċert fi Triq l-Oratorju, u l-Banda San Gejtanu esegwit il -kunċert tagħha fi Triq il-Ġdida.** (Illum dawn it-toroq fuq kull naħa tal-knisja nbidlulhom isimhom).

Mal-Koppla insibu lapida miktuba bil-Latin li tgħid: ***Sac. Henricus Cordina Perez Parochus In Hoc Opere Inchoando Et Conficiendo Summam Operam Navavit 7-VIII-1956.*** Li bil-Malti tfisser: ***Il-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez beda u rnexxielu jwassal sat-tmiem din l-opra maestuża fis 7-VIII-1956.***

Ma rridx ninsa l-famuża skrizzjoni f'ġieħ San Gejtanu mdawwra mal-bażi tal-koppla li fil-ktieb ta' Walter Camilleri *'Niltaqgħu ma San Gejtanu'*, jgħidilna li kkomponiha l-Patri Kapuċċin Lawrenz Ceci, li taqra – ***Potens In Terris, Praesidium Potentor In Coelis*** li bil-Malti tfisser ***Setgħani Fl-Art, Bil-Bosta Aktar Fis-Sema.***

Tridu taraw l-artiklu li kiteb dak in-nhar Dun Nerik biex taraw il-ferħ (u bir-raġun) li kien qed iħoss. Sabiex nagħtikom ħjiel, se nħalli paragrafu wieħed awtentiku li laqatni l-aktar, mill-konklużjoni ta' l-artiklu tiegħu, kif kitbu hu stess 60 sena ilu :

***'Doqqu qniepen ! Żarżru trombi !. Ċapċpu ! Sparaw ! Ifirħu għax il-ħolma ta' 45 sena ilu saret realta'. Il-Ħamruniżi jistgħu jiftaħru li għandhom Koppla ta' arkitettura kollha kemm hi speċjali, kollha kemm hi partikolari, sabiħa, maestuża minn barra u minn ġewwa'.***
Qabel ma jtemm l-artiklu tiegħu Dun Nerik jgħid li jrid jitla' għall-aħħar darba fuq il-koppla biex minn hemm iħares fuq il-Ħamrun u jagħti l-barka tiegħu lill-poplu Ħamruniż. Ma kienx jonqos li l-artiklu jintemm b'ringrazzjament lil Alla, filwaqt li jitlob lil San Gejtanu biex iħares lejn il-koppla mis-sema u jberikha u sabiex jagħtina l-għajnuna tiegħu ħalli fil-futur inkomplu nsebbħu t-Tempju tiegħu fil-Ħamrun.
Sewwa kienet tgħid ommi b'dispjaċir, li ma damx igawdiha wisq il-koppla Dun Nerik, għax miet eżattament fl-aħħar ta' l-istess sena (1956), fl-eta ta' 61 sena.

Bħala radd il-ħajr, fil-knisja tagħna, (quddiem il-bieb il-falz), il-Kunsill Ċiviku Ħamruniż, flimkien mal-Kleru u l-Poplu, waqqfu monument li jfakkar lil dan il-kappillan (wara Monsinjur), f'inqas minn 4 snin minn mewtu. Dan insibuh eżattament quddiem il-vara tal-Madonna li tintrama fil-knisja matul ix-xahar ta' Mejju. Dan il-monument inkixef nhar it-13 ta' Frar 1960. Qed inġib hawnhekk ritratt tal-kappillan. Ir-ritratt huwa tas-Sur C. Felice li kien fotografu fi żmien in-nannu tiegħi, iżda n-nannu Manwel miet aktar kmieni, f'Diċembru tal-1957.

Wara ħafna snin, kif kien xieraq, il-Kunsill tal-Ħamrun ukoll ħaseb f'dan il-kappillan u bidel l-isem *Broad street*, għal *Triq Dun Nerik Cordina Perez,* sabiex jibqa' mfakkar dan il-kappillan li bena l-koppla. Fin-Naxxar insibu triq imsemmija għalih ukoll.

Fi żmien Mons. Mattew Chircop, is-saqaf u l-koppla ġew imżejna bil-pittura tal-Profs Emvin Cremona, fejn fil-koppla naraw episodji mill-ħajja ta' San Gejtanu.

Wara ħafna snin, Dun Pawl Fenech kien beda x-xogħol ta' restawr fuq il-pittura tal-koppla. Fi żmien Dun Henry Balzan saru xogħlijiet ta' tiswija tal-koppla minn barra minħabba x-xita u bdil ta' ġebel immermer li kien perikoluż. Ma rridx ninsa lill-Viċi Kappillan preżenti Dun Joseph Gatt, li jaħdem fis-skiet, bil-qalb u bla heda għal knisja tagħna u ta' dan għandna għal xhiex nirringrazzjawh.
Nerġgħu mmorru lura għas-sena 1956, meta s-surmast Ħamruniż Willie Attard tal-Każin tal-Banda San Ġużepp kiteb il-marċ *Il-Famuża Koppla* għal din l-okkażjoni speċjali. Dan il-marċ baqa' popolari sallum. Is-Surmast Willie Attard kien jaħdem mal-kunjatu tiegħi Pawlu Hili mas-Servizzi Ingliżi f'Ħal Safi. Dak iż-żmien il-kunjatu kien għadu żagħżugħ u Willie Attard dejjem kien moħħu biex jgħallmu strument. Iżda peress li l-kunjatu u ħutu s-subien kienu kollha membri tal-Boy Scouts tal-Ħamrun qatt ma ħa nteress fil-banda !

Fl-aħħar nett, is-sena 1956 kienet partikolari wkoll għall-Għaqda Mużikali San Gejtanu għax kienu qed jiċċelebraw għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħhom. Dik l-epoka, anke l-Każin San Gejtanu kellhom surmast Ħamruniż li kien Joseph Abela Scolaro, li dam f'din il-kariga għal ħafna snin. Dawn iż-żewġ surmastrijiet bravi Ħamruniżi, Willie Attard u Joseph Abela Scolaro, ħallewlna ġawhra ta' kompożizzjonijiet tal-mużika li għadhom jindaqqu sallum kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.
Nagħlaq billi l-ewwelnett nirringrazzja lil Dun Henry Balzan li għadu kif temm il-ħidma tiegħu fostna u nifraħ lill-Kappillan il-ġdid Dun Walter Cauchi tal-ħatra tiegħu bħala l-kappillan il-ġdid tagħna.
Nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd

***Nota: Fil-ħarġa tal-Programm tas-sena l-oħra, kont ktibt fuq il-kwadru ta' San Gejtanu li jinsab fil-Knisja ta' Ġieżu (Santa Marija ta' Ġesu') fir-Rabat ta' l-Imdina. Wara l-festa konna rċevejna ittra mingħand l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp sabiex nikkjarifika fil-programm li jmiss, li l-festa ta' San Ġużepp li ssir kull 19 ta' Marzu hija fil-fatt festa Primarja u mhux sekondarja kif ktibt jien. Għalhekk kif wegħdt fl-ittra tiegħi lilhom wara l-festa tas-sena l-oħra, qed nagħmel dan.***
***John Micallef***

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn
**Ta' Valletta L-ikbar għażla... bl-aqwa prezzijiet**
Statwi u bambini ta' Spanja "Spanish Prestige - Statwi ta' l-Italja "Arte Religiosa"
Statwi titulari ta'Malta u Għawdex - Raġġieri, Xemgħa u Liedna
222A, High Street, Ħamrun - Tel: 27026262 / 99421683